MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2011

Numru. 243/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Salvatore Azzopardi**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Salvatore Azzopardi ta’ 47 sena, iben Nicholas u Concetta nee’ Mizzi, imwieled Pieta’ fit-30 ta’ Mejju 1961 u residenti Laila Complex Blk 2, A Flat Nru 6, Triq in-Nadur, Marsaskala u detentur tal-karta tal-identita’ numru 367161(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fi 8 ta’ Frar 2009 ghal habta ta’ 4.15pm u hinijiet qabel waqt li kien fi Sqaq ix-Xewk, Rahal Gdid

1. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe' ghamel hsara fuq vettura Nru BBI969 ta' ghamla Kia Pride ghaddannu ta' Anthony Azzopardi minn Santa Lucija liema hsara ma tiskorrix 1164.69 Euros imma hi izjed minn 116.47 Euros.

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, kkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Anthony Azzopardi minn Santa Lucija skond ma ccertifika Dr. M.S. Caruana Reg Nru 2069 mic-Centru tas-Sahha, Rahal Gdid.

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b' ghajjat u glied.

4. Fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi hebb kontra Anthony Azzopardi minn Santa Lucija, sabiex jingurjah, iddejqu jew jaghmillu hsara.

5. Fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi ghamel lil Anthony Azzopardi minn Santa Lucija ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra fil-Kodici Kriminali, jew jekk kien ipprovokat ingurja b' mod li hareg aktar milli jmissu.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Anthony Azzopardi minn Santa Lucija u tapplika l-provvedimenti ta' Art 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 17 ta' Marzu 2009 (esebit a fol. 5 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2009 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet finali prezentata mill-Prosekuzzjoni.

Rat li d-Difiza naqset milli tipprezenta n-Nota ta Sottomissjonijiet taghha entro t-terminu lilha preskritt.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw glieda ta' natura familjari, precizament bejn zewg ahwa l-imputat Salvatore Azzopardi u huh Anthony Azzopardi,, li sehhet fit-8 ta Frar 2009 ghall-habta tal-4.15pm gewwa sqaq fir-raba fil-limiti ta' Rahal il-Gdid fejn giet kagunata hsara fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBI 969 ghad-detriment ta' Anthony Azzopardi. Mill-provi rrilzulta li Salvatore Azzopardi akkompanjat mill-partner tieghu, certu Josette Gera, kien mar fl-ghalqa ta' hutu, mill-liema ghalqa huwa ma kellux sehem, sabiex izur lill-ohtu Rita Bonnici. Huwa wasal fuq il-post bil-vettura tieghu u nizel mill-imsemmija vettura sabiex jorbot il-klieb ta' huh Anthony Azzopardi, liema klieb kienu qed jigru fil-parti komuni tal-ghelieqi, u dan peress li l-partner tieghu kienet tibza mill-klieb. Waqt li kien qed jorbot kelb minnhom hareg Anthony Azzopardi mill-kamra tieghu fl-ghalqa u inqalghet glieda bejn l-ahwa ghaliex Anthony Azzopardi pretenda li huh ma kellux dritt imiss il-klieb tieghu fi propjeta' li huwa ma kellux sehem minnha. Jidher li Rita Bonnici pruvat tferraq liz-zewg huta subien u l-imputat jghid li huwa mexa' lejn il-vettura tieghu u meta dahal fiha ra lil huh jidhol jigri fil-kamra u imbaghad jirkeb fil-vettura tieghu u jirrejza il-vettura u jsuq dritt lejh. L-imputat fl-istqarrija minnu rilaxxjata (inserita a fol. 21 u 22 tal-atti processwali) jghid li huwa hareg mill-vettura tieghu sabiex jistkenn wara l-karozza izda meta huh wasal biswit tieghu dan dar ghal fuqu u peress li huwa ma kellux fejn imur peress li warajh kien hemm il-bajtar tax-xewk u imbaghad l-art kienet tinzel xi tmien filati huwa tela' fuq il-bonnet tal-vettura ta' huh u jammetti li fis-sahna tal-mument ta xi daqqiet fuq il-windscreen tal-vettura tal-parti civili. Anthony Azzopardi min-naha l-ohra meta xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-12 ta' Marzu 2010 qal li huwa kien rikeb fil-vettura tieghu sabiex jitlaq min fuq il-post u li huh tela' bil-wieqfa fuq il-vettura tieghu u beda'

jaghti kemm jiflah fuq l-istess vettura. Mill-provi rrizulta wkoll li kien hemm diversi kwistjonijiet bejn l-ahwa qabel ma gew intavolati l-proceduri odjerni.

Ikkunsidrat:

Illi wara li ezaminat bir-reqqa l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz il-Qorti jidrilha li ghandha temmen il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat anki ghaliex din il-verzjoni giet pjenament korroborata minn Rita Bonnici u minn Josette Gera. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li kien il-parti leza Anthony Azzopardi li provoka u beda' l-glieda meta hareg u beda' jghajjar lill-imputat li kien qed jorbot il-kelb. Il-Qorti inoltre jidrilha li mill-provi rrizulta li l-istess Anthony Azzopardi saq lejn huh sabiex iweggghu, mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur[1] fil-fatt jirrizulta li a tempo vergine Anthony Azzopardi kien qal lil Pulizija li huwa kien saq ghal fuq huh bil-vettura sabiex ibezzghu. Il-Qorti jidrilha li l-imputat kien gustifikat li jitla' fuq il-vettura ta' huh li kien qed isuq ghal fuqu stante li dan kien l-unika mezz li kellu sabiex jevita li jintlaqat u dan ghaliex mill-provi rrizulta li warajh kien hemm il-pjanti tal-bajtar tax-xewk u imbaghad il-fond. Il-Qorti izda jidrilha li mill-istqarrija tal-istess imputat jirrizulta li huwa ammetta li fis-sahna tal-mument beda' jaghti daqqiet fuq il-windscreen tal-vettura ta' huh sabiex jikkaguna hsara u li dan l-agir ma kienx necessarju sabiex jiddefendi lilu nnifsu u li kien intiz esklussivament sabiex jikkaguna hsara. Il-Qorti sejra ghalhekk issib lill-imputat hati tal-ewwel(1) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu izda in vista tal-fatt li l-imputat tela' fuq il-vettura ta' huh sabiex jiddefendi lilu nnifsu u ghalhekk parti mill-hsara fil-vettura giet ikkagunata minhabba li huwa tela' fuq l-istess vettura, il-Qorti jidrilha li ghandha tapplika il-provvedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 in kwantu jirrigwarda l-piena.

In kwantu jirrigwarda il-bqija tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tal-imputat il-Qorti jidrilha li huwa m'ghandux jinstab hati taghhom stante li mill-provi rrizulta li kien il-parti leza Anthony Azzopardi li provoka l-incident kollu u ghalhekk l-

[1] Li xehed waqt l-udjenza tad-29 ta' EMjju 2009.

imputat la jista' jinstab hati ta' ksur ta' buon ordini u paci pubblika, anki ghaliex l-incident sehh qalb l-eghlieqi, u l-anqas li ngurja u hedded jew li hebb ghal Anthony Azzopardi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel(1) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sentejn (2) millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-bqija tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali l-Qorti torbot lill-imputat b'obbligazzjoni personali taht penali ta' tmien mitt Ewro (€800) ghal zmien tnax(12)-il xahar millum milli jimmolesta jew jivvessa lil Anthony Azzopardi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------